# L-istatwa titulari ta' San Ġorġ u r-raħal tax-Xewkija

*Kitba ta' Francesco Pio Attard*



L-istatwa titulari ta' San Ġorġ ġiet imnaqqxa fl-injam, fl-istil Neo-Klassiku, mill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875), mill-Belt Valletta, qabel l-1839. Hi ġiet ikkummissjonata għall-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex bħala *ex-voto* wara grazzja ta' fejqan mill-marda tal-kolera li kienet qed thedded il-gżira. *San Ġorġ* kien l-ewwel statwa titulari li nħadmet biex tinġarr f'purċissjoni titulari fil-gżira ta' Għawdex. Ġiet ikkummissjonata fi żmien l-Arċipriet tar-Rabat Fortunato Cutajar (1822-1847). Azzopardi, aljev bravu tal-imgħallem Mariano Gerada u artist tal-ħila fl-iskultura tal-injam, kien diġà spikka għal xi statwi li ħadem f'Malta, bħall-Madonna tar-Rużarju ta' Bormla u l-Marbut tal-knisja ta' Ġieżu tal-Belt.

Kien aktarx xi jiem qabel il-festa liturġika ta' San Ġorġ f'April 1839 li l-istatwa waslet Għawdex. Għalkemm ma għandna l-ebda dokumentazzjoni ċara b'dettalji tal-wasla tagħha, imma hu magħruf mil-*Libro Esito* tal-Bażilika ta' San Ġorġ li hi kienet diġà għall-qima f'niċċa fil-knisja f'dik is-sena, u Azzopardi xi ftit wara tħallas għal xi xogħol ieħor fuqha.

Dak li ma nsibux irrakkuntat bil-kitba, tgħidhulna t-tradizzjoni qawwija li għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra fuq fomm il-poplu. Din tfakkar kif l-istatwa nġabet minn Malta għal Għawdex fuq id-dgħajsa tal-latini ta' Franġisku Schembri, magħruf bħala tad-Deredej, mir-Rabat ta' Għawdex. Dan Ċikku kien imbagħad ġab bl-istess mod il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira għall-istess knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, minquxa minn Azzopardi wkoll fl-1848.

L-istatwa ta' San Ġorġ rifset Għawdex merfugħa f'kaxxa li tgħabbiet fuq dahar il-bhejjem sar-raħal tax-Xewkija. Fil-knisja ta' San Bert, magħrufa aħjar bħala Tal-Ħniena, jingħad li l-kaxxa bdiet tiżżarma u minnha nħarġet l-istatwa, li minn hemm 'il quddiem inġarret fuq l-ispallejn, l-ewwel għall-Pjazza tal-knisja parrokkjali tax-Xewkija u mbagħad għar-Rabat. Fit-triq lejn ir-Rabat, il-kaċċaturi ħarġu bis-snieter tagħhom jisparaw tiri tal-okkażjoni fl-arja.

It-tradizzjoni tkompli tirrakkonta kif il-poplu Xewki, flimkien mal-Kappillan tiegħu, ħareġ bi ħġaru biex jara l-istatwa li kienu ordnaw il-Ġorġjani Rabtin. Tant għoġobhom dak li raw u ntlaqtu daqshekk mis-seħer u l-ġmiel tal-kapulavur ta' Azzopardi, li fis tħajru jibdew il-proċess biex il-parroċċa tagħhom ukoll tordna mingħand l-istess artist xbieha titulari proċessjonali, kif fil-fatt seħħ fl-1845.



Rabta interessanti ta' din l-istatwa titulari tal-Battista mal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ hi li meta Azzopardi ried inaqqax wiċċ San Ġwann, hu tnebbaħ minn dak ta' Kristu fl-istatwa ta' Ġesù u Marija (Sigismondo Dimech, c. 1802-1807) meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Biex qala' l-permess, hu offra li jnaqqax għal dik il-parroċċa sett gandlieri tal-injam il-ġmiel tagħhom, li għadhom jitgawdew sal-lum il-ġurnata fil-jiem tal-Festa Titulari f'Lulju.